Dok . 26

Malta Chamber of SMEs

*Lehen l-Inizjattiva Privata*

**Pożizzjoni tas-Sezzjoni tal-Fuel Stations fi ħdan il-GRTU fuq il-*Fuel Stations Policy***

**24.04.18**

1. Bħala GRTU naqblu mal-proposti ta' l-ERA, biss nissuġerixxu li jidħlu bla dewmien sabiex:
    a. nisalvagwardjaw l-ambjent
    b. biex applikazzjonijiet pendenti jaqaw mill-ewwel taħt il-*policy* l-ġdida li qed tissuġerixxi l-ERA.

2. Nissuġerixxu li *re-allocation* jekk jista' jkun tibqa' fid-distrett fejn hi dik attwali u mhux tmur min naħa għal oħra tal-pajjiż. Eċċezzjoni biss jekk re-allocation tmur f'raħal li qed jikber u m'hemmx pompi tal-petrol bħalissa.

3. Arterji prinċipali li diġa' huma fgati b'pompi tal-petrol waħda wara l-oħra jiġu esklużi mal-ewwel minn applikazzjonijiet ġodda. Permessi ġodda ma jingħatawx iktar u naqblu li jsir tqassim aħjar ta' fejn għandha tingħata ir-*reallocation.*

4. *Kerb side pump* li tagħmel *re-allocation* għal ġo post ieħor tibqa' toffri l-istess servizzi li kellha qabel u mhux iżżidhom. Per eż. Jekk fil-preżent tbiegħ il-fjuwil u *spare parts,* tibqa' l-istess u mhux iżżid xi *car wash* jew xi VRT.

5. Garaxxijiet li m'humiex pompi tal-petrol li fil-preżent qed jaħżnu l-fjuwil irid ikollhom permess ta' l-ERA u obbligati jkunu konformi mar-regoli kollha li jissalvagwardjaw l-ambjent.

6. Liċenzji ta' pompi tal-petrol li m'għadhomx attivi ma jistgħu qatt jingħataw *re-allocation* jew jerġgħu jiftħu. Fil-passat kien hemm diġa' xi forma ta' ftehim fuq dan.